# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

24 ta' Jannar 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Is-Sitt Direttiva 77/388/KEE – Direttiva 2006/112/KE – Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa – Oġġetti u servizzi użati kemm għat-tranżazzjonijiet taxxabbli kif ukoll għal tranżazzjonijiet eżenti (oġġetti u servizzi għal użu mħallat) – Determinazzjoni tat-tnaqqis *pro rata* applikabbli – Fergħa stabbilita fi Stat Membru differenti minn dak tas-sede tal-kumpannija – Spejjeż imwettqa mill-fergħa, iddedikati esklużivament għat-twettiq ta' tranżazzjonijiet tas-sede – Spejjeż ġenerali tal-fergħa użati għat-twettiq kemm tat-tranżazzjonijiet tagħha kif ukoll għal dawk tas-sede"

Fil-Kawża C-165/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Marzu 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' April 2017, fil-proċedura

**Morgan Stanley & Co International plc**

vs

**Ministre de l'Économie et des Finances,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tas-Seba' Awla, li qed jaġixxi bħala President tar-Raba' Awla, K. Jürimäe, C. Lycourgos, E. Juhász u C. Vajda (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: C. Strömholm, amministrattriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-1 ta' Marzu 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Morgan Stanley & Co International plc, minn C. Aldebert u C. Reinbold, avukati,

– għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas kif ukoll minn E. de Moustier, A. Alidière u S. Ghiandoni, bħala aġenti,

– għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, M. Figueiredo u R. Campos Laires, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn N. Gossement u R. Lyal, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2018,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 17(2), (3) u (5) u tal-Artikolu 19(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU 1977, L 145, p. 1, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva"), kif ukoll tal-Artikoli 168, 169, 173 sa 175 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-kumpannija Morgan Stanley & Co International plc (iktar 'il quddiem "Morgan Stanley") u l-ministre de l'Économie et des Finances (il-Ministeru tal-Ekonomija u tal-Finanzi, Franza) (iktar 'il quddiem l-"amministrazzjoni fiskali") dwar it-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) imħallsa mill-fergħa Pariġina ta' Morgan Stanley (iktar 'il quddiem il-"fergħa Pariġina"), l-ewwel nett, għall-ispejjeż iddedikati għat-twettiq tat-tranżazzjonijiet tas-sede li tinsab fir-Renju Unit u, it-tieni nett, għall-ispejjeż ġenerali magħmula għat-twettiq kemm tat-tranżazzjonijiet tas-sede kif ukoll għal dawk tal-fergħa.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Is-Sitt Direttiva*

3 Skont l-Artikolu 4(1) tas-Sitt Direttiva, persuna taxxabbli tfisser kull persuna li b'mod indipendenti twettaq fi kwalunkwe post attività ekonomika msemmija fl-Artikolu 4(2), ikun xi jkun l-iskop jew ir-riżultati ta' din l-attività.

4 L-Artikolu 13B(d) tal-imsemmija direttiva kien jistabbilixxi li t-tranżazzjonijiet finanzjarji msemmija f'din id-dispożizzjoni huma eżenti mill-VAT.

5 L-Artikolu 13C tal-istess direttiva kien jipprevedi:

"L-Istati Membri jistgħu iħallu lil min iħallas t-taxxa dritt għal għażla għal tassazzjoni f'każijiet ta':

[...]

b) it-transazzjonijet koperti f'B (d) (g) u (h) fuq.

[...]"

6 L-Artikolu 17(2), (3) u (5) tas-Sitt Direttiva kien jipprovdi:

"2. Sa kemm l-oġġetti u s-servizzi huma użati għall-iskopijiet fuq it-transazzjoni taxxabbli tiegħu, il-persuna taxxabbli għandha tkun intitolata biex tnaqqas mit-taxxa li hi responsabbli biex tħallas:

a) [VAT] dovuta jew mħallsa fir-rigard ta' oġġetti jew servizzi pprovduti jew li għandhom ikunu pprovduti lilu minn persuna taxxabbli oħra;

[...]

3. Stati Membri jagħtu lil kull persuna taxxabbli d-dritt għat-tnaqqis jew rimborsament [tal-VAT] imsemmi fil-paragrafu 2 sakemm il-merkanzija u s-servizzi jintużaw għall:

a) transazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-attivitajiet msemmijin fl-Artikolu 4(2), li jkunu sara f'pajjiż ieħor, li jkunu jistgħu jitnaqqsu kieku saru fit-territorju tal-pajjiż;

[…]

5. Fir-rigward ta' oġġetti u servizzi li għandhom ikunu wżati minn persuna taxxabbli kemm għal transazzjonijiet koperti b'paragrafi 2 u 3, fir-rigward ta' li t-taxxa fuq il-valur miżjud titnaqqas, u għal transazzjonijiet fir-rigward ta' li t-taxxa fuq il-valur miżjud ma titnaqqasx, it-tali proporzjon biss tat-taxxa fuq il-valur miżjud għandu jkun imnaqqas kif hu attribwit għat-transazzjonijiet ta' qabel.

Dan il-proporzjon għandu jkun determinat, b'mod konformi ma' l-Artikolu 19, għat-transazzjonijiet kollha mwettqa minn persuna taxxabbli.

[…]"

7 L-Artikolu 19(1) tas-Sitt Direttiva kien redatt kif ġej:

"Il-proporzjon imnaqqas taħt l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 17(5) għandu jkun magħmul minn frazzjoni li jkollha:

– bħala numeratur, l-ammont totali, esklussiv [mill-VAT], tal-bejgħ kull sena attribwit għat-transazzjonijet li fuqhom [il-VAT] tista' titnaqqas skont l-Artikoli 17(2) u (3),

– bħala denominatur, l-ammont totali, eskluživ [mill-VAT], tal-bejgħ kull sena attribwit għat-transazzjonijiet inklużi fin-numeratur u lit-transazzjonijiet fir-rigward tagħhom [il-VAT] mhux imnaqqas. L-Istati Membri jistgħu ukoll jinkludu fid-denominatur l-ammont ta' sussidji, għajr dawk speċifikati fl-Artikolu 11A(1)(a).

Il-proporzjon għandu jkun stabbilit fuq bażi annwali, iffissat bħala persentaġġ u magħmul figura sħiħa li ma teċċedix il-numru li jmiss."

8 Mill-1 ta' Jannar 2007, fil-kuntest ta' riformulazzjoni tas-Sitt Direttiva, id-dispożizzjonijiet ta' din ġew issostitwiti b'dawk tad-Direttiva 2006/112.

### *Id-Direttiva 2006/112*

9 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112 jipprovdi:

"'Persuna taxxabbli' għandha tfisser kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività."

10 L-Artikolu 137(1)(a) ta' din id-direttiva jistabbilixxi li l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-persuni taxxabbli tagħhom id-dritt ta' għażla tat-tassazzjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 135(1)(b) sa (g) tal-imsemmija direttiva.

11 Skont l-Artikolu 168 tal-imsemmija direttiva:

"Sakemm il-merkanzija u s-servizzi jintużaw għall-iskopijiet tat-transazzjonijiet taxxabbli ta' persuna taxxabbli, il-persuna taxxabbli għandha tkun intitolata, fl-Istat Membru li fih twettaq dawn it-transazzjonijiet, li tnaqqas mll-VAT li għandha tħallas dan li ġej:

a) il-VAT dovuta jew imħallsa f'dak l-Istat Membru rigward provvisti li sarulha ta' merkanzija jew servizzi, li twettqu jew li għad iridu jitwettqu minn persuna taxxabli oħra;

[…]"

12 L-Artikolu 169 tal-istess direttiva jipprovdi:

"Minbarra t-tnaqqis msemmi fl-Artikolu 168, il-persuna taxxabbli għandha tkun intitolata li tnaqqas l-VAT imsemmija hemmhekk, safejn il-merkanzija u s-servizzi jintużaw għal finijiet ta' dan li ġej:

a) transazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-attivitajiet msemmijin fit–tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 9(1), li twettqu barra mill-Istat Membru li fih dik it-taxxa hi dovuta jew imħallsa, li fir-rigward tiegħu il-VAT tista' titnaqqas jekk dawn twettqu f'dak l-Istat Membru;

[…]"

13 L-Artikolu 173(1) tad-Direttiva 2006/112 jipprovdi:

"Fil-każ ta' merkanzija jew servizzi użati minn persuna taxxabbli kemm għal transazzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-VAT tista' titnaqqas skont l-Artikoli 168, 169 u 170, u għal transazzjonijiet li fir–rigward tagħhom il-VAT ma titnaqqasx, it-tali proporzjon biss tal-VAT li hi attribwibbli għat-transazzjonijiet ta' qabel għandha l-possibbiltà li tiġi mnaqqsa.

Il–proporzjon li jista' jitnaqqas għandu jkun stabbilit, skont l-Artikoli 174 u 175, għat-transazzjonijiet taxxabbli kollha mwettqa mill-persuna taxxabbli."

14 L-Artikolu 174(1) ta' din id-direttiva jaqra kif ġej:

"Il-proporzjon li jista' jitnaqqas għandu jkun magħmul minn frazzjoni li jinkludi l-ammonti li ġejjin:

a) bħala numeratur, l-ammont totali, mingħajr VAT, tal-bejgħ kull sena attribwibbli għal transazzjonijet li fuqhom il-VAT tista' titnaqqas skont l-Artikoli 168 u 169;

b) bħala denominatur, l-ammont totali, esklużiv mill-VAT, tal-bejgħ kull sena attribwibbli għat-transazzjonijiet inklużi fin-numeratur u għal transazzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-VAT ma tistax titnaqqas.

[…]"

15 L-Artikolu 175(1) tal-imsemmija direttiva jippreċiża li t-tnaqqis *pro rata* għandu jiġi ddeterminat fuq bażi annwali, iffissat bħala perċentwali u magħmul figura sħiħa li ma teċċedix in-numru sħiħ li jmiss.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

16 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-fergħa Pariġina, bħala stabbiliment stabbli, hija suġġetta għall-VAT fi Franza. Hija kienet suġġetta għal żewġ verifiki ta' awditu fir-rigward, fil-qasam ta' din it-taxxa, tal-perijodi li jmorru bejn l-1 ta' Diċembru 2002 sat-30 ta' April 2005 kif ukoll mill-1 ta' Diċembru 2005 sat-30 ta' April 2009.

17 Meta saru dawn il-verifiki, ġie kkonstatat li din il-fergħa, minn naħa, kienet twettaq tranżazzjonijiet bankarji u finanzjarji għall-klijenti lokali tagħha, li għalihom hija kienet għażlet l-issuġġettar għall-VAT, u, min-naħa l-oħra, kienet tipprovdi servizzi lis-sede li tinsab fir-Renju Unit, u li bħala kontroparti għalihom kienet tirċievi depożiti. Hija naqqset il-VAT kollha applikabbli fuq l-ispejjeż li jaqgħu taħt dawn iż-żewġ kategoriji ta' prestazzjonijiet.

18 L-amministrazzjoni fiskali qieset li l-VAT imposta fuq l-akkwist ta' oġġetti u ta' servizzi użati esklużivament għat-tranżazzjonijiet interni mwettqa mis-sede li tinsab fir-Renju Unit ma setgħetx tagħti dritt ta' tnaqqis, peress li dawn it-tranżazzjonijiet kienu jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-VAT, iżda madankollu aċċettat, b'miżura ta' mitigazzjoni, it-tnaqqis ta' frazzjoni tat-taxxa inkwistjoni, b'applikazzjoni tat-tnaqqis *pro rata* tal-imsemmija sede, taħt riżerva tal-esklużjoni tad-dritt ta' tnaqqis fis-seħħ fi Franza. Fir-rigward tal-ispejjeż imħallta, relatati mat-tranżazzjonijiet imwettqa kemm mas-sede fir-Renju Unit u mal-klijenti tal-fergħa Pariġina, l-amministrazzjoni fiskali kkunsidrat li dawn kienu jistgħu jitnaqqsu biss parzjalment u applikat it-tnaqqis *pro rata* tal-imsemmija sede, korrett mid-dħul mill-bejgħ tal-fergħa Pariġina li jagħti dritt ta' tnaqqis, b'riżerva tal-esklużjonijiet tad-dritt ta' tnaqqis fis-seħħ fi Franza.

19 Fid-dawl ta' dawn ir-rettifiki, l-amministrazzjoni fiskali bagħtet lil Morgan Stanley ittri ta' tfakkir dwar il-VAT mitluba. It-tribunal administratif de Montreuil (il-Qorti Amministrattiva ta' Montreuil, Franza) ċaħdet it-talbiet ta' Morgan Stanley intiżi għat-tħassir ta' dawn tal-aħħar. L-appelli kontra d-deċiżjonijiet ta' din il-qorti, min-naħa tagħhom, ġew miċħuda mill-cour administrative d'appel de Versailles (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell, Franza).

20 Adit b'appell kontra s-sentenza mogħtija fl-appell, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) jistaqsi, minn naħa, f'dak li jikkonċerna l-ispejjeż sostnuti minn fergħa stabbilita fi Stat Membru, li huma esklużivament iddedikati għat-twettiq ta' tranżazzjonijiet tas-sede tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor, jekk id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Direttiva u dawk tad-Direttiva 2006/112 jimplikawx li l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tal-fergħa għandu japplika għal dawn l-ispejjeż it-tnaqqis *pro rata* tal-fergħa, dak tas-sede jew inkella tnaqqis *pro rata* speċifiku, abbażi tas-soluzzjoni magħżula, f'dak li jikkonċerna d-dritt ta' rimbors, fis-sentenza tat-13 ta' Lulju 2000, Monte Dei Paschi Di Siena (C-136/99, EU:C:2000:408), li tikkombina r-regoli applikabbli fl-Istati Membri ta' reġistrazzjoni tal-fergħa u tas-sede, b'mod partikolari fid-dawl tal-eżistenza possibbli ta' sistema ta' għażla għall-impożizzjoni tat-tranżazzjonijiet għall-VAT.

21 Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar ir-regoli applikabbli fir-rigward tal-ispejjeż sostnuti minn fergħa, li jikkontribwixxu għat-twettiq tat-tranżazzjonijiet tagħha fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tagħha, u ta' dawk tas-sede ta' din, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunċett ta' spejjeż ġenerali u tat-tnaqqis *pro rata*.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) F'każ li l-ispejjeż sostnuti minn kumpannija sussidjarja fl-ewwel Stat Membru ikunu ddedikati esklużivament għat-twettiq ta' tranżazzjonijiet tal-kumpannija parent tagħha stabbilta fi Stat Membru ieħor, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(2), (3) u (5) u tal-Artikolu 19(1) tas-Sitt Direttiva [...], kif riprodotti fl-Artikoli 168, 169 u 173 sa 175 tad-Direttiva 2006/112/KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jimplikaw li l-Istat Membru tal-kumpannija sussidjarja għandu japplika

għal dawn l-ispejjeż it-tnaqqis *pro rata* tal-kumpannija sussidjarja, iddeterminat skont it-tranżazzjonijiet li hija twettaq fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tagħha u skont regoli applikabbli f'dan l-Istat Membru, jew it-tnaqqis pro rata tal-kumpannija parent, jew inkella tnaqqis *pro rata* speċifiku li jgħaqqad flimkien ir-regoli applikabbli fl-Istati Membri ta' reġistrazzjoni tal-kumpannija sussidjarja u tal-kumpannija parent, b'mod partikolari fid-dawl tal-eżistenza possibbli ta' skema ta' għażla [għall-VAT] fuq it-tranżazzjonijiet?

2) Liema regoli jeħtieġ li jiġu applikati fil-każ partikolari li fih l-ispejjeż jiġu sostnuti mill-kumpannija sussidjarja kemm għat-twettiq tat-tranżazzjonijiet tagħha fl-Istat ta' reġistrazzjoni tagħha kif ukoll għat-twettiq tat-tranżazzjonijiet tal-kumpannija parent, b'mod partikolari fid-dawl tal-kunċett ta' spejjeż ġenerali u ta' tnaqqis pro rata?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

23 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-kawża prinċipali tikkonċerna l-perijodi ta' impożizzjoni li jmorru mis-sena 2002 sas-sena 2009. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kemm is-Sitt Direttiva kif ukoll id-Direttiva 2006/112, li rriformulat is-Sitt Direttiva mill-1 ta' Jannar 2007, huma applikabbli għal din il-kawża.

24 Barra minn hekk, sa fejn l-ewwel domanda tirrigwarda t-tnaqqis *pro rata* li l-fergħa Pariġina għandha tapplika għall-ispejjeż li sostniet għat-twettiq tat-tranżazzjonijiet tas-sede li tinsab fir-Renju Unit, għandu jiġi kkunsidrat li din id-domanda tirreferi għall-ispejjeż, sostnuti minn din il-fergħa, iddedikati, esklużivament, kemm għat-tranżazzjonijiet suġġetti għall-VAT kif ukoll għat-tranżazzjonijiet eżenti minn din it-taxxa fl-Istat Membru tal-imsemmija sede (iktar 'il quddiem l-"ispejjeż għal użu mħallat"), li fil-fatt ġie kkonfermat fl-osservazzjonijiet bil-miktub minn Morgan Stanley.

25 Minn dawn l-osservazzjonijiet jirriżulta wkoll li l-iskema ta' għażla msemmija fl-ewwel parti tad-domanda tirreferi għall-għażla magħmula mill-fergħa Pariġina, b'applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 C tas-Sitt Direttiva u l-Artikolu 137(1)(a) tad-Direttiva 2006/112, li tissuġġetta għall-VAT it-tranżazzjonijiet bankarji u finanzjarji ta' Morgan Stanley fi Franza, liema huma eżenti minn din it-taxxa fl-assenza tal-eżerċizzju ta' din l-għażla.

26 Għalhekk, permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 17(2), (3) u (5) u l-Artikolu 19(1) tas-Sitt Direttiva kif ukoll l-Artikoli 168, 169 u 173 sa 175 tad-Direttiva 2006/112 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, f'dak li jikkonċerna l-ispejjeż sostnuti minn fergħa rreġistrata fi Stat Membru, li huma ddedikati, esklużivament, kemm għat-tranżazzjonijiet suġġetti għall-VAT kif ukoll għal tranżazzjonijiet eżenti minn din it-taxxa, imwettqa mis-sede ta' din il-fergħa li tinsab fi Stat Membru ieħor, għandu jiġi applikat it-tnaqqis *pro rata* tal-imsemmija fergħa, iddeterminat skont tranżazzjonijiet li hija twettaq fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tagħha u skont regoli applikabbli f'dan l-Istat, it-tnaqqis *pro rata* ta' din is-sede jew inkella tnaqqis *pro rata* speċifiku, li jikkombina r-regoli applikabbli fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tal-istess fergħa u dawk applikabbli fl-Istat Membru tal-imsemmija sede, fl-ipoteżi fejn din tal-aħħar tkun għażlet li tissuġġetta għall-VAT it-tranżazzjonijiet mwettqa fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tagħha, liema ġew eżenti minn din it-taxxa fl-assenza tal-eżerċizzju ta' tali għażla.

27 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt tal-persuni taxxabbli li jnaqqsu l-VAT li huma suġġetti għaliha l-VAT dovuta jew imħallsa għall-oġġetti miksuba jew is-servizzi rċevuti minnhom fil-bidu jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tas-sistema komuni tal-VAT stabbilit mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Dan id-dritt ta' tnaqqis jagħmel parti integrali mill-mekkaniżmu tal-VAT u bħala prinċipju ma jistax jiġi limitat.

Dan jiġi eżerċitat immedjatament għat-taxxi kollha li jolqtu t-tranżazzjonijiet relatati mal-input (sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Barlis 06 – Investimentos Imobiliários e Turísticos, C-516/14, EU:C:2016:690, punti 37 u 38 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

28 Is-sistema tat-tnaqqis hija intiża li teħles kompletament lill-imprenditur mill-piż tal-VAT dovuta jew imħallsa fil-kuntest tal-attivitajiet ekonomiċi kollha tiegħu. Għalhekk, is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud tiggarantixxi li l-attivitajiet ekonomiċi kollha, irrispettivament mill-għanijiet u mir-riżultati tagħhom, bil-kundizzjoni iżda li l-imsemmija attivitajiet ikunu huma stess suġġetti għall-VAT, jiġu ntaxxati b'mod għal kollox newtrali (sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Barlis 06 – Investimentos Imobiliários e Turísticos, C-516/14, EU:C:2016:690, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 17(2)(a) tas-Sitt Direttiva u mill-Artikolu 168(a) tad-Direttiva 2006/112 jirriżulta li l-persuna taxxabbli għandha d-dritt, fl-Istat Membru fejn twettaq it-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha, li tnaqqas mill-ammont tat-taxxa li għandha tħallas il-VAT dovuta jew imħallsa f'dan l-Istat Membru għal oġġetti jew servizzi, sa fejn dawn l-oġġetti jew servizzi ġew użati fl-output mill-persuna taxxabbli għall-bżonnijiet tat-tranżazzjonijiet tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Barlis 06 – Investimentos Imobiliários e Turísticos, C-516/14, EU:C:2016:690, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex il-VAT tkun tista' titnaqqas, it-tranżazzjonijiet tal-input imwettqa għandu jkollhom rabta diretta u immedjata ma' tranżazzjonijiet tal-output, li jagħtu dritt ta' tnaqqis. Fil-fatt id-dritt ta' tnaqqis tal-VAT li kienet imposta bħala taxxa tal-input fuq l-akkwist ta' oġġetti jew ta' servizzi jippreżupponi li l-ispejjeż inkorsi fl-akkwist ta' dawn l-oġġetti jew is-servizzi ikunu parti mill-elementi kostituttivi tal-prezz tat-tranżazzjonijiet intaxxati bħala taxxa tal-output li huma eliġibbli għal tnaqqis (sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Larentia + Minerva u Marenave Schiffahrt, C-108/14 u C-109/14, EU:C:2015:496, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Barra minn hekk, abbażi tal-Artikolu 17(3)(a) tas-Sitt Direttiva u tal-Artikolu 169(a) tad-Direttiva 2006/112, il-persuna taxxabbli għandha d-dritt li tnaqqas it-taxxa dovuta jew imħallsa għall-oġġetti u s-servizzi użati għall-bżonnijiet tat-tranżazzjonijiet imwettqa barra mill-Istat Membru msemmi fil-punt 29 ta' din is-sentenza, li kien jagħti d-dritt għal tnaqqis kieku dawn it-tranżazzjonijiet kienu twettqu fl-imsemmi Stat Membru.

32 Id-dritt ta' tnaqqis previst fid-dispożizzjonijiet iċċitati fil-punt preċedenti jeżisti għalhekk bil-kundizzjoni doppja, minn naħa, li t-tranżazzjonijiet ta' persuna taxxabbli mwettqa fi Stat Membru differenti mill-Istat fejn il-VAT hija dovuta jew imħallsa għall-oġġetti u s-servizzi użati għat-twettiq ta' dawn jiġu intaxxati fl-ewwel wieħed minn dawn l-Istati Membri u, min-naħa l-oħra, li dawn it-tranżazzjonijiet ikunu wkoll intaxxati jekk ikunu mwettqa fit-tieni wieħed mill-imsemmija Stati (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Lulju 2000, Monte Dei Paschi Di Siena, C-136/99, EU:C:2000:408, punt 28, u tat-22 ta' Diċembru 2010, RBS Deutschland Holdings, C-277/09, EU:C:2010:810, punti 31 u 32).

33 F'dak li jikkonċerna t-tieni waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, fl-assenza ta' preċiżazzjoni oħra fl-Artikolu 17(3)(a) tas-Sitt Direttiva u fl-Artikolu 169(a) tad-Direttiva 2006/112, għandu jiġi kkunsidrat li hija ssoddisfatta b'mod partikolari f'sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn it-tranżazzjonijiet intaxxati fl-Istat Membru tas-sede huma wkoll intaxxati fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tal-fergħa li sostniet l-ispejjeż relatati minħabba għażla magħmula minn din il-fergħa abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 C tas-Sitt Direttiva u tal-Artikolu 137(1)(a) tad-Direttiva 2006/112.

34 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li l-Artikolu 4(1) tas-Sitt Direttiva u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112 jiddefinixxu l-"persuni taxxabbli" għall-finijiet tal-VAT bħala l-persuni li jeżerċitaw attività ekonomika "b'mod indipendenti" (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-23 ta' Marzu 2006, FCE Bank, C-210/04, EU:C:2006:196, punt 33, u tas-7 ta' Awwissu 2018, TGE Gas Engineering, C-16/17, EU:C:2018:647, punt 40).

35 Fir-rigward ta' kumpannija li s-sede tagħha hija stabbilita fi Stat Membru u li l-fergħa tagħha hija rreġistrata fi Stat Membru ieħor, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li s-sede u l-fergħa jikkostitwixxu l-unika u l-istess persuna taxxabbli suġġetta għall-VAT, sakemm ma jiġix stabbilit li l-fergħa teżerċita attività ekonomika indipendenti, li huwa b'mod partikolari l-każ jekk hija ssostni r-riskju ekonomiku li jirriżulta mill-attività tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, TGE Gas Engineering, C-16/17, EU:C:2018:647, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 F'dan il-każ, xejn fil-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja ma jħalli x'wieħed jaħseb li l-fergħa Pariġina taġixxi b'mod indipendenti mis-sede li tinsab fir-Renju Unit, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 35 ta' din is-sentenza. Għaldaqstant, u taħt riżerva ta' verifika mill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi kkunsidrat li din il-fergħa u din is-sede jikkostitwixxu persuna taxxabbli waħda għall-finijiet tal-VAT.

37 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li servizz huwa taxxabbli biss meta teżisti, bejn il-persuna li tagħti s-servizzi u l-benefiċjarju relazzjoni ġuridika li matulha jsir skambju tas-servizzi reċiproċi (sentenzi tat-23 ta' Marzu 2006, FCE Bank, C-210/04, EU:C:2006:196, punt 34, u tas-17 ta' Settembru 2014, Skandia America (USA), filial Sverige, C-7/13, EU:C:2014:2225, punt 24).

38 Għalhekk, għandu jiġi rrilevat li, fin-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn fergħa u s-sede tagħha, li jiffurmaw, flimkien, persuna taxxabbli waħda, is-servizzi reċiproċi skambjati bejn dawn l-entitajiet jikkostitwixxu flussi interni mhux taxxabbli, b'differenza mit-tranżazzjonijiet taxxabbli mwettqa ma' terzi.

39 Minn dan isegwi li fergħa rreġistrata fi Stat Membru għandha d-dritt li tnaqqas, f'dan l-Istat, il-VAT imposta fuq l-oġġetti u s-servizzi miksuba li għandhom rabta diretta u immedjata mat-twettiq tat-tranżazzjonijiet intaxxati, inkluż dawk tas-sede tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor, li magħha din il-fergħa tifforma persuna taxxabbli waħda, bil-kundizzjoni li dawn it-tranżazzjonijiet tal-aħħar jagħtu wkoll dritt ta' tnaqqis jekk ikunu twettqu fl-Istat ta' reġistrazzjoni tal-imsemmija fergħa.

40 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-beni u tas-servizzi użati minn persuna taxxabbli sabiex twettaq fl-istess ħin tranżazzjonijiet li jagħtu dritt ta' tnaqqis u tranżazzjonijiet li ma jagħtux dritt għal tnaqqis, it-tnaqqis jista' jsir biss, abbażi tal-Artikolu 173(1) tad-Direttiva 2006/112, li jikkorrispondi għall-Artikolu 17(5) tas-Sitt Direttiva, għall-parti tal-VAT li hija proporzjonali għall-ammont relatat mal-ewwel minn dawn it-tranżazzjonijiet. Għal dan il-għan, għandu jiġi ddeterminat tnaqqis *pro rata*, skont l-Artikoli 174 u 175 tad-Direttiva 2006/112, "għall-attivitajiet kollha magħmula mill-persuna taxxabbli."

41 Din l-iskema ta' *pro rata* tapplika, b'mod partikolari, fil-każ fejn fergħa rreġistrata fi Stat Membru tidħol fi spejjeż għall-bżonnijiet kemm tat-tranżazzjonijiet intaxxati u tat-tranżazzjonijiet eżenti mill-VAT imwettqa mis-sede tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2000, Monte Dei Paschi Di Siena, C-136/99, EU:C:2000:408, punti 26 sa 28).

42 Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni li tippreċiża li s-sistema ta' tnaqqis prevista fl-Artikolu 17(5) tas-Sitt Direttiva u fl-Artikolu 173(1) u (2) tad-Direttiva 2006/112 u l-metodi ta' tnaqqis li tinkludi din is-sistema japplikaw biss għall-oġġetti u s-servizzi użati minn persuna taxxabbli sabiex jitwettqu kemm tranżazzjonijiet ekonomiċi li jagħtu dritt ta' tnaqqis u tranżazzjonijiet ekonomiċi li ma jagħtux dritt ta' tnaqqis, jiġifieri oġġetti u servizzi li l-użu tagħhom huwa mħallat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Settembru 2012, Portugal Telecom, C-496/11, EU:C:2012:557, punt 40; tas-16 ta' Lulju 2015,

Larentia + Minerva u Marenave Schiffahrt, C-108/14 u C-109/14, EU:C:2015:496, punt 26, kif ukoll, tad-9 ta' Ġunju 2016, Wolfgang und Dr. Wilfried Rey Grundstücksgemeinschaft, C-332/14, EU:C:2016:417, punt 26).

43 Min-naħa l-oħra, l-oġġetti u s-servizzi li huma użati mill-persuni taxxabbli unikament sabiex jitwettqu tranżazzjonijiet ekonomiċi li jagħtu dritt għal tnaqqis ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17(5) tas-Sitt Direttiva jew tal-Artikolu 173(1) tad-Direttiva 2006/112, iżda jaqgħu, f'dak li jikkonċerna s-sistema ta' tnaqqis, rispettivament taħt l-Artikolu 17(2) tal-ewwel waħda minn dawn id-direttivi u l-Artikolu 168 tat-tieni waħda minnhom (sentenza tas-6 ta' Settembru 2012, Portugal Telecom, C-496/11, EU:C:2012:557, punt 41).

44 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li, kif irrelevat essenzjalment il-Kummissjoni matul is-seduta, il-preċiżazzjoni li tinsab fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(5) tas-Sitt Direttiva u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 173(1) tad-Direttiva 2006/112, skont liema, għall-oġġetti u s-servizzi użati mill-persuna taxxabbli sabiex twettaq kemm tranżazzjonijiet taxxabbli u tranżazzjonijiet eżenti mill-VAT, tnaqqis *pro rata* għandu jiġi ddeterminat "għall-attivitajiet kollha magħmula mill-persuna taxxabbli", jirreferi għat-tranżazzjonijiet kollha msemmija iktar 'il fuq, li huma relatati magħhom dawn l-oġġetti u s-servizzi għal użu mħallat akkwistati mill-persuna taxxabbli, bl-esklużjoni tat-tranżazzjonijiet ekonomiċi l-oħra mwettqa minn din tal-aħħar.

45 Barra minn hekk, sa fejn minbarra spejjeż għal użu mħallat, il-persuna taxxabbli takkwista oġġetti u servizzi li huma użati esklużivament għal tranżazzjonijiet suġġetti għall-VAT, il-VAT imposta fuq dawn l-oġġetti u s-servizzi tista' titnaqqas kollha kemm hi, skont l-Artikolu 17(2) u (3) tas-Sitt Direttiva kif ukoll skont l-Artikoli 168 u 169 tad-Direttiva 2006/112 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Iberdrola Inmobiliaria Real Estate Investments, C-132/16, EU:C:2017:683, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għall-kuntrarju, il-VAT imposta fuq l-oġġetti u s-servizzi użati esklużivament għall-bżonnijiet ta' eventwali tranżazzjonijiet eżenti minn din it-taxxa ma jagħtu ebda dritt ta' tnaqqis.

46 Minn dan isegwi li, fir-rigward tal-ispejjeż għal użu mħallat sostnuti minn fergħa rreġistrata fi Stat Membru ddedikati, esklużivament, kemm għat-tranżazzjonijiet intaxxati u għal tranżazzjonijiet eżenti mill-VAT imwettqa mis-sede ta' din il-fergħa, stabbilita fi Stat Membru ieħor, għandu jiġi applikat tnaqqis *pro rata*, li d-denominatur tiegħu huwa fformat mid-dħul mill-bejgħ, mingħajr VAT, relatat ma' dawn it-tranżazzjonijiet kollha, skont il-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 19(1) tas-Sitt Direttiva kif ukoll fl-Artikoli 174 u 175 tad-Direttiva 2006/112. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li, skont l-Artikolu 17(3) tas-Sitt Direttiva u l-Artikolu 169(a) tad-Direttiva 2006/112 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 32 ta' din is-sentenza, huwa biss l-ammont ta' dħul mill-bejgħ, mingħajr VAT, relatat mat-tranżazzjonijiet intaxxati mwettqa mis-sede, li jagħtu wkoll dritt ta' tnaqqis fil-każ li dawn ikunu twettqu fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tal-fergħa, li jista' jidher fin-numeratur tal-frazzjoni li tikkostitwixxi t-tnaqqis *pro rata*.

47 Għandu wkoll jiġi ppreċiżat li t-tnaqqis *pro rata* indikat fil-punt preċedenti ma jistax neċessarjament jiġi kkwalifikat bħala "tnaqqis *pro rata* tas-sede", kif invokat fl-ewwel domanda magħmula. Fil-fatt, huma kkonċernati biss it-tranżazzjonijiet mwettqa mis-sede, li għalihom saru l-ispejjeż għal użu mħallat tal-fergħa.

48 Morgan Stanley issostni li l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tal-fergħa għandu japplika għall-ispejjeż kollha tal-input, tkun xi tkun ir-rabta tagħhom mal-attività tas-sede stabbilita fi Stat Membru ieħor, it-tnaqqis *pro rata* tal-fergħa, iddeterminat skont it-tranżazzjonijiet biss li din tal-aħħar twettaq fl-Istat tar-reġistrazzjoni tagħha. Madankollu, tali interpretazzjoni ma tistax tiġi aċċettata.

49 Fil-fatt, għall-finijiet tal-kalkolu tat-tnaqqis *pro rata* applikabbli għal spejjeż għal użu mħallat ta' fergħa, din is-soluzzjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni, kuntrarjament għall-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 30 ta' din is-sentenza, it-tranżazzjonijiet mwettqa mis-sede ta' din, li dawn l-ispejjeż għandhom rabta diretta u immedjata magħhom.

50 Din l-interpretazzjoni ma hijiex kuntrarja għall-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-12 ta' Settembru 2013, Le Crédit Lyonnais (C-388/11, EU:C:2013:541), ġurisprudenza li Morgan Stanley tiċċita insostenn tal-argument tagħha. Huwa minnu li, fil-punti 40 u 55 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għad-determinazzjoni tat-tnaqqis *pro rata* tal-VAT applikabbli għaliha abbażi tas-sistema ta' tnaqqis prevista fl-Artikolu 17(5) tas-Sitt Direttiva, kumpannija li s-sede tagħha tinsab fi Stat Membru, ma tistax tieħu inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ mwettaq mill-fergħat tagħha stabbiliti fi Stati Membri oħra.

51 F'dan ir-rigward, għandu madankollu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 19 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet mistoqsija f'din il-kawża dwar il-possibbiltà li jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ totali tal-fergħat, mifhum bħala d-dħul kollu tagħhom. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat b'mod partikolari, fil-punt 38 tas-sentenza tat-12 ta' Settembru 2013, Le Crédit Lyonnais (C-388/11, EU:C:2013:541), li l-fatt li jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ mwettaq mill-istabbilimenti stabbli kollha li l-persuna taxxabbli għandha fi Stati Membri oħra, għall-finijiet tad-determinazzjoni tat-tnaqqis *pro rata* tas-sede, għandu l-konsegwenza li jżid, għall-akkwisti kollha li l-imsemmija persuna taxxabbli tkun wettqet fl-Istat Membru fejn tinsab is-sede tagħha, il-parti tal-VAT li l-imsemmija sede tista' tnaqqas, meta parti minn dawn l-akkwisti ma għandha ebda rabta mal-attivitajiet tal-istabbilimenti stabbli stabbiliti barra minn dan l-Istat. Għalhekk, ikun hemm distorsjoni tal-valur tat-tnaqqis *pro rata* applikabbli.

52 Minn dan jirriżulta li, fl-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet it-teħid inkunsiderazzjoni, fil-kalkolu tat-tnaqqis *pro rata* tas-sede ta' persuna taxxabbli, tad-dħul mill-bejgħ tal-fergħat li jinsabu fi Stati Membri oħra, minħabba li tal-inqas parti minn dan id-dħul mill-bejgħ ma kellha ebda ratba mal-akkwisti tal-input magħmula minn din is-sede. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex l-intenzjoni li teskludi, fid-determinazzjoni tal-portata tad-dritt ta' tnaqqis ta' stabbiliment stabbli ta' persuna taxxabbli li tinsab fi Stat Membru, it-teħid inkunsiderazzjoni tat-tranżazzjonijiet imwettqa minn stabbiliment stabbli tal-istess persuna taxxabbli, li jinsab fi Stat Membru ieħor, li għandhom rabta diretta u immedjata mal-ispejjeż sostnuti mill-ewwel wieħed minn dawn l-istabbilimenti stabbli.

53 Barra minn hekk, il-kalkolu tal-*pro rata* applikabbli għall-imsemmija tranżazzjonijiet imwettqa mill-imsemmija sede lanqas ma jistgħu jkunu bbażati fuq id-dħul mill-bejgħ li din il-fergħa twettaq miegħu, kif jipproponi l-Gvern Franċiż. Fil-fatt, kif tfakkar fil-punt 38 ta' din is-sentenza, dan id-dħul mill-bejgħ jikkonsisti fi flussi interni mhux taxxabbli tal-persuna taxxabbli, filwaqt li, skont l-Artikolu 17(5) tas-Sitt Direttiva u l-Artikolu 173(1) tad-Direttiva 2006/112, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-kalkolu tat-tnaqqis *pro rata*, it-tranżazzjonijiet intaxxati u eżenti mill-VAT li persuna taxxabbli twettaq ma' terzi.

54 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 17(2), (3) u (5) u l-Artikolu 19(1) tas-Sitt Direttiva kif ukoll l-Artikoli 168, 169 u 173 sa 175 tad-Direttiva 2006/112 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'dak li jikkonċerna l-ispejjeż sostnuti minn fergħa rreġistrata fi Stat Membru, li huma ddedikati, esklużivament, kemm għat-tranżazzjonijiet suġġetti għall-VAT kif ukoll għal tranżazzjonijiet eżenti minn din it-taxxa, imwettqa mis-sede ta' din il-fergħa li tinsab fi Stat Membru ieħor, għandu jiġi applikat it-tnaqqis *pro rata* li tirriżulta minn frazzjoni li d-denominatur tagħha huwa fformat mid-dħul mill-bejgħ, mingħajr VAT, ikkostitwit minn dawn it-tranżazzjonijiet biss u li n-numeratur tagħhom huwa fformat mit-tranżazzjonijiet intaxxati li jagħtu wkoll dritt ta' tnaqqis jekk dawn jitwettqu fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tal-imsemmija fergħa, inkluż meta dan id-dritt ta' tnaqqis jirriżulta mill-eżerċizzju ta' possibbiltà, eżerċitata minn din tal-aħħar, li tikkonsisti fis-suġġettar għall-VAT tat-tranżazzjonijiet imwettqa f'dan l-Istat.

### *Fuq it-tieni domanda*

55 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, b'liema mod għandu jiġi interpretat l-Artikolu 17(2), (3) u (5) u l-Artikolu 19(1) tas-Sitt Direttiva kif ukoll l-Artikoli 168, 169 u 173 sa 175 tad-Direttiva 2006/112, sabiex jiġi ddeterminat it-tnaqqis *pro rata* applikabbli għall-ispejjeż ġenerali ta' fergħa rreġistrata fi Stat Membru, li jikkontribwixxu għat-twettiq kemm tat-tranżazzjonijiet imwettqa minn din il-fergħa f'dan l-Istat kif ukoll tat-tranżazzjonijiet imwettqa mis-sede ta' din stabbilita fi Stat Membru ieħor.

56 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, minn naħa, li l-eżistenza ta' rabta diretta u immedjata bejn tranżazzjoni partikolari tal-input u tranżazzjoni jew iktar tal-output jagħtu dritt ta' tnaqqis, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 30 ta' din is-sentenza, hija fil-prinċipju neċessarja sabiex dritt ta' tnaqqis tal-VAT tal-input jiġi rikonoxxut lill-persuna taxxabbli u sabiex tiġi ddeterminata l-portata ta' tali dritt. Id-dritt għal tnaqqis tal-VAT li kienet imposta bħala taxxa tal-input fuq l-akkwist ta' oġġetti jew ta' servizzi jippresupponi li l-ispejjeż inkorsi fl-akkwist ta' dawn huma parti mill-elementi kostituttivi tal-prezz tat-tranżazzjonijiet intaxxati bħala taxxa tal-output li huma eliġibbli għal tnaqqis (sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Iberdrola Inmobiliaria Real Estate Investments, C-132/16, EU:C:2017:683, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Min-naħa l-oħra, dritt għal tnaqqis huwa aċċettat ukoll favur il-persuna taxxabbli, anki fl-assenza ta' rabta diretta u immedjata bejn tranżazzjoni tal-input partikolari u tranżazzjoni waħda jew iktar tal-output li jagħtu dritt għal tnaqqis, meta l-ispejjeż tas-servizzi inkwistjoni jagħmlu parti mill-ispejjeż ġenerali ta' din tal-aħħar u jkunu, bħala tali, elementi li jikkostitwixxu l-prezz tal-oġġetti jew tas-servizzi li din il-persuna tipprovdi. Dawn l-ispejjeż għandhom, fil-fatt, rabta diretta u immedjata mal-attività ekonomika kollha tal-persuna taxxabbli (sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Iberdrola Inmobiliaria Real Estate Investments, C-132/16, EU:C:2017:683, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 F'dawn iċ-ċirkustanzi, meta l-attività ekonomika tal-persuna taxxabbli tkun tikkonsisti kemm fit-tranżazzjonijiet taxxabbli kif ukoll tranżazzjonijiet eżenti mill-VAT, għandha tiġi applikata għall-ispejjeż ġenerali ta' din is-sistema ta' tnaqqis prevista fl-Artikolu 17(5) tas-Sitt Direttiva u fl-Artikolu 173(1) tad-Direttiva 2006/112. Skont il-kunsiderazzjonijiet fil-punti 40 sa 46 ta' din is-sentenza, it-tnaqqis *pro rata* relatat mal-imsemmija spejjeż ġenerali għandu jkun ibbażat fuq it-tranżazzjonijiet ekonomiċi kollha mwettqa minn persuna taxxabbli, skont il-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 19(1) tas-Sitt Direttiva kif ukoll fl-Artikoli 174 u 175 tad-Direttiva 2006/112.

59 Fir-rigward tat-tnaqqis *pro rata* li għandu jiġi applikat għall-ispejjeż ġenerali ta' fergħa rreġistrata fi Stat Membru, meta l-persuna taxxabbli twettaq tranżazzjonijiet kemm f'dan l-Istat kif ukoll fl-Istat Membru fejn hija stabbilita s-sede, għandhom jidħru fin-numeratur tal-frazzjoni li tikkostitwixxi dan it-tnaqqis *pro rata*, it-tranżazzjonijiet intaxxati biss li huma mwettqa minn din is-sede, li jagħtu wkoll dritt ta' tnaqqis jekk dawn ikunu mwettqa fl-Istat ta' reġistrazzjoni tal-imsemmija fergħa.

60 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 17(2), (3) u (5) u l-Artikolu 19(1) tas-Sitt Direttiva kif ukoll l-Artikoli 168, 169 u 173 sa 175 tad-Direttiva 2006/112, għadhom jiġu interpretati fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat it-tnaqqis *pro rata* applikabbli għall-ispejjeż ġenerali ta' fergħa rreġistrata fi Stat Membru, li jikkontribwixxu għat-twettiq kemm tat-tranżazzjonijiet imwettqa minn din il-fergħa f'dan l-Istat kif ukoll tat-tranżazzjonijiet imwettqa mis-sede ta' din stabbilita fi Stat Membru ieħor, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, għad-denominatur tal-frazzjoni li tikkostitwixxi dan it-tnaqqis *pro rata*, tranżazzjonijiet imwettqa kemm mill-imsemmija fergħa kif ukoll minn din is-sede, filwaqt li huwa ppreċiżat li għandu jkun hemm fin-numeratur tal-imsemmija frazzjoni, minbarra t-tranżazzjonijiet intaxxati mwettqa mill-istess fergħa, it-tranżazzjonijiet biss imwettqa mill-imsemmija sede, li jagħtu wkoll dritt ta' tnaqqis jekk jitwettqu fl-Istat ta' reġistrazzjoni tal-fergħa kkonċernata.

**Fuq l-ispejjeż**

61 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 17(2), (3) u (5) u l-Artikolu 19(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif ukoll tal-Artikoli 168, 169, 173 sa 175 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'dak li jikkonċerna l-ispejjeż sostnuti minn fergħa rreġistrata fi Stat Membru, li huma ddedikati, esklużivament, kemm għat-tranżazzjonijiet suġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud kif ukoll għal tranżazzjonijiet eżenti minn din it-taxxa, imwettqa mis-sede ta' din il-fergħa li tinsab fi Stat Membru ieħor, għandu jiġi applikat it-tnaqqis *pro rata* li tirriżulta minn frazzjoni li d-denominatur tagħha huwa fformat mid-dħul mill-bejgħ, mingħajr taxxa fuq il-valur miżjud, ikkostitwit minn dawn it-tranżazzjonijiet biss u li n-numeratur tagħhom huwa fformat mit-tranżazzjonijiet intaxxati li jagħtu wkoll dritt ta' tnaqqis jekk dawn jitwettqu fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tal-imsemmija fergħa, inkluż meta dan id-dritt ta' tnaqqis jirriżulta mill-eżerċizzju ta' possibbiltà, eżerċitata minn din tal-aħħar, li tikkonsisti fis-suġġettar għat-taxxa fuq il-valur miżjud tat-tranżazzjonijiet imwettqa f'dan l-Istat.**

2) **L-Artikolu 17(2), (3) u (5) u l-Artikolu 19(1) tas-Sitt Direttiva 77/388 kif ukoll l-Artikoli 168, 169 u 173 sa 175 tad-Direttiva 2006/112, għadhom jiġu interpretati fis-sens li, sabiex jiġi ddeterminat it-tnaqqis *pro rata* applikabbli għall-ispejjeż ġenerali ta' fergħa rreġistrata fi Stat Membru, li jikkontribwixxu għat-twettiq kemm tat-tranżazzjonijiet imwettqa minn din il-fergħa f'dan l-Istat kif ukoll tat-tranżazzjonijiet imwettqa mis-sede ta' din stabbilita fi Stat Membru ieħor, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, għad-denominatur tal-frazzjoni li tikkostitwixxi dan it-tnaqqis *pro rata*, tranżazzjonijiet imwettqa kemm mill-imsemmija fergħa kif ukoll minn din is-sede, filwaqt li huwa ppreċiżat li għandu jkun hemm fin-numeratur tal-imsemmija frazzjoni, minbarra t-tranżazzjonijiet intaxxati mwettqa mill-istess fergħa, it-tranżazzjonijiet biss imwettqa mill-imsemmija sede, li jagħtu wkoll dritt ta' tnaqqis jekk jitwettqu fl-Istat ta' reġistrazzjoni tal-fergħa kkonċernata.**

Firem